**DISKORS MIS-SINJURIJA TIEGHU L-PRIM IMHALLEF DOTT. VINCENT A. DE GAETANO, FL-OKKAZJONI TA' L-INAWGURAZZJONI TAS-SENA FORENSI – QRATI TA' MALTA – L-1 TA' OTTUBRU 2003**
**Sena Forensi – 1 ta' Ottubru, 2003**

Eccellenza, Onorevoli Ministru, Onorevoli Segretarju Parlamentari, Kollegi Imhallfin u Magistrati, Sur President tal-Kamra, Sinjuri Avukati u Prokuraturi Legali.

Nikkonfessa li meta gejt biex nipprepara dan id-diskors ghamilt l-izball li mort nara kemm dak li kont ghidt jien stess bhal-lum sena, kif ukoll iz-zewg diskorsi tal-predecessur tieghi Joseph Said Pullicino fl-okkazzjoni tal-1 ta' Ottubru tas-snin 2000 u 2001. Nghid li kien zball ghax gietni t-tentazzjoni -- li, pero`, malajr ghelibtha -- li nghdilkom li ma jien ser nghid xejn ghax ma ghandi xejn gdid xi nghid. Fil-verita` il-hajja li ahna l-gudikanti u inthom l-Avukati u l-Prokuraturi Legali nghaddu f'dan l-edifizzju ma tantx tinbidel minn sena ghal sena. Dan, pero`, ma jfissirx li ma jigix registrat progress jew regress f'dawk li huma problemi – hafna minnhom endemici – li ghandhom x'jaqsmu ma' l-amministrazzjoni tal-gustizzja. Huwa propju ghalhekk li darba fis-sena inti, Sur President tal-Kamra, u jien, pubblikament naghmlu bhal speci ta' ezami tal-kuxjenza, u, bhalma jsir meta naghmlu l-ezami tal-kuzjenza qabel il-qrar, naghmlu wkoll dak il-proponiment jew dawk il-proponimenti, akkumpanjati minn certu riflessjonijiet, tant essenzjali biex dak li jkun jrega' jiffaccja il-hajja ta' kulljum. Kieku ma naghmlux hekk wisq nibza' li nispiccaw ilkoll f'depressjoni kbira li ma nohorgux minnha!
Is-sena l-ohra l-aktar haga importanti f'mohhi u, nazzarda nghid, f'mohh il-gudikanti kollha, kienet li, kemm jista' jkun malajr, nergghu naqbdu r-ritmu tax-xoghol hekk imsejjah "normali" wara t-trawma li ghaddejna minnha f'Awissu. Ghall-grazzja t'Alla u bl-isforz ta' shabi l-gudikanti, u bl-inkoraggiment tieghek, Eccellenza, dan ir-ritmu qbadnih u zammejnieh. Kellna, veru, l-interferenza ta' zewg kampanji elettorali li, bhalma xi ftit jew wisq jaffetwaw il-hajja civili u ekonomika tal-pajjiz, jeffetwaw anke dak li hu r-ritmu tal-process tal-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hekk, per ezempju, kien mistenni li l-Qorti tal-Familja – bl-infrastruttura kollha li din timporta – tkun lesta sal-bidu ta' din is-sena, izda minhabba l-kalendarju politiku, din regghet intefghet lura. Kellna wkoll il-problema konnessa mal-hatra ta' imhallef – li inhatar pero` spicca biex ma accettax l-inkarigu – u l-kontroversja li kien hemm dwar din il-hatra – kontroversja li lili u lil shabi

fuq il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja hlitilna hafna zmien – kif ukoll il-fatt li vakanzi ohra fil-gudikatura damu xi ftit ma jimtlew. Jekk, pero`, inhares lura u nara x'ghamilna fis-sena li ghaddiet, ma nistax nghid li ma kienx hemm progress. Fil-Qorti ta' l-Appell, li qieghdha tiffunzjona b'zewg settijiet ta' gudikanti, qieghed isir sforz, forsi mhux dejjem apprezzat, biex appelli pendenti li, ghal xi raguni, ilhom is-snin twal ghas-sentenza jew ghal xi provvediment, jinghataw l-attenzjoni dovuta billi jigu trattati u decizi fl-iqsar zmien possibbli. Fl-istess waqt baqa' jigi zgurat li appelli godda li minn-natura taghhom jirrikjedu smiegh u decizjoni fi zmien qasir, ez. kawzi tal-familja, spoll ecc., jibqghu jinghataw priorita` fuq kawzi ohrajn, minghajr pero` ma jaqa' lura n-numru ta' kawzi decizi f'din il-Qorti. Apparti li, kif ghidt, ergajna qbadna r-ritmu tax-xoghol, f'certi qrati n-numru ta' kawzi pendenti beda, ghalkemm bil-mod, jonqos. Biex naghti ezempju, fil-Qorti tal-Appell Kriminali, sede inferjuri, in-numru ta' appelli pendenti huwa llum ta' 100, meta niftakar zmien fejn kien joqrob l-erba' mija. Jekk wiehed jara t-total ghas-snin 1999, 2000, 2001 u 2002 isib li n-numru ta' kawzi pendenti fi tmiem kull sena kien ta' 200, 160, 148 u 143 rispettivament. Sa ftit jiem ilu, in-numru ta' appelli minn Ghawdex f'din il-Qorti kien ta' tlieta biss – li tnejn minnhom huma differiti ghas-sentenza – meta lkoll niftakru li kien hemm zmien meta minn Ghawdex biss is-numru ta' appelli pendenti f'din il-Qorti gie li qorob il-mija. Peress li qed insemmi il-Qorti ta' l-Appell Kriminali Inferjuri, li fiha ghadni noqghod, tahsbux li dan hu xi mertu tieghi. L-ewwel nett id-"disposal rate" tal-Imhallef Galea Debono hija ghola minn tieghi; u f'din il-Qorti ilna ghal numru ta' snin nahdmu b'zewg imhallfin b'tali mod li n-numru ta' kawzi li kull wiehed minnha jkollu fuq il-lista fi zmien wiehed qatt ma jeccedi s-60 jew 65, b'tali mod, allura, li l-imhallef jista' mhux biss jahdem izda – <u>u dan huwa aktar importanti izda sfortunatament spiss ninsewh</u> – jahdem b'mod <u>efficjenti</u>, jigifieri li iz-zmien bejn li tkun dahlet il-kawza (f'dan il-kaz l-appell) u meta tinqata' ikun mill-aqsar possibbli. S'intendi, zgur li hemm fatturi ohra ghala f'din il-Qorti n-numru ta' kawzi qieghed bhalissa baxx – aktar ma l-magistrati jkunu attenti u precizi fis-sentenzi li jemanaw, anqas ikun hemm lok ta' appelli; filwaqt li fil-kaz ta' appelli minn Ghawdex il-fatt li llum dawn qed jinstemghu Ghawdex u qed jinqatghu fi zmien qasir hafna, ifisser li ma ghadx hemm lok ta' appelli intavolati semplicement biex dak li jkun itawwal iz-zminijiet. Pero`, nerga' nghid, dan kollu kien possibbli principalment ghax in-numru ta' kawzi li kull wiehed miz-zewg gudikanti ghandu f'din il-Qorti huwa ragonevoli (tenut kont ukoll tax-xoghol li ghandhom fi qrati ohra) b'mod li "case management" efficjenti huwa verament possibbli. L-istess ma jistax jinghad,

sfortunatament, ghal qrati ohra. Meta Imhallef jibda l-karriera tieghu bi kwazi elf kawza fuq il-lista, hadd ma jista' jippretendi xi forma ta' "case management" serju. L-aktar li jista' jaghmel dak l-Imhallef huwa li jghaddas rasu u jibda jaqta' l-kawzi u, invarjabbilment ser jigri li dawk il-kawzi li jkunu l-ehfef ser jinqatghu l-ewwel, mentri dawk li jkunu ftit jew wisq kumplikati – jew, jekk ma jkunux minnhom infushom kumplikati, il-partijiet stess jikkumplikawhom – ser jaqghu dejjem lura. U dan igibni ghall-ewwel wahda miz-zewg affarijiet li l-aktar li xtaqt nenfasizza f'dan id-diskors tal-lum.

Qeghdin fuq l-ghatba tal-Unjoni Ewropea. Mument deciziv fl-istorja politika u socjali ta' pajjizna. Pero` din is-shubija ser iggib maghha mhux biss vantaggi izda anke obbligi. L-ewwel nett mis-sena d-dieha l-Gudikatura ser ikollha tiffacja, b'mod dirett jew indirett, il-ligijiet tal-Unjoni Ewropea. Ghalkemm diversi gudikanti, l-aktar magistrati, fis-snin li ghaddew u b'sagrificcju kbir personali ghalihom – dawna hadd ma kkoncedilhom xi "sabbatical" biex jaghmluh – temmew b'success kosrsijiet post graduate fl-Universita` ta' Malta fil-Ligi Ewropea, il-parti l-kbira tal-gudikanti huma sajmin kwazi ghal kollox minn dan il-corpus juris. Huwa veru li bejn l-ahhar tas-sena l-ohra u l-bidu ta' din is-sena sar kors ghall-gudikanti, organizzat mill-Staff Development Organisation tal-Ufficju tal-Prim Ministru u mill-Ministeru tal-Gustizzja bi ftehim mal-predecessur tieghi, pero` dan kien biss kors ta' familjarizzazzjoni. Huwa indispensabbli li sa ma nigu biex insiru membri shah tal-U.E. tkun twaqqfet fil-Qorti l-infrastuttura mehiega – f'forma ta' unit b'nies atrezzati u kompetenti fil-ligi komunitarja – biex jghinu lill-gudikanti f'dik li hi ricerka u anke procedura fejn jidhol dan il-corpus juris. Shubija tieghna fl-U.E. tfisser ukoll li l-pajjiz ikun irid jikkompeti ma' pajjizi ohra li huma membri ta' l-istess Unjoni. U dan anke fuq il-livell ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja. U huwa hawnhekk fejn tidhol l-indispensabbilita` tal-efficjenza fl-amministrazzjoni tal-gustizzja. Mhux biss il-ligijiet iridu sostantivament ikunu tali li jilhqu l-livell mistenni minn membri tal-Unjoni, izda anke il-mod kif il-gustizzja tigi amministrata trid tilhaq certu bench-mark. Dan l-aspett, jiddispjacini ninnota, mhux qed jinghata l-importanza mehtiega mill-partijiet kollha koncernati, meta anke jekk wiehed ihares biss mill-aspett kummercjali u ekonomiku wiehed mill-ewwel jirrealizza li fost l-affarijiet li investitur iqis qabel ma jinvesti f'pajjiz huwa jekk l-amministrazjoni tal-gustizzja f'dak il-pajjiz, u b'mod partikolari fil-kamp kummercjali, hix wahda efficjenti. Bin-numru ta' kawzi li hemm pendenti fil-kamp civili u kummercjali, u b'mod partikolari meta wiehed iqis

in-numru ta' kawzi antiki – jigifieri li ilhom pendenti aktar minn hames snin – hemm bzonn ta' soluzzjonijiet li jindirizzaw il-problema tal-backlog tal-kawzi b'mod dirett u radikali. Sa issa is-soluzzjonijiet li gew proposti kienu dejjem periferali – (1) emendi fil-procedura, li xi whud minnhom (mhux kollha, ovvjament) aktar ziedu x-xoghol ta' kulhadd u naqqsu l-efficjenza (u kif rajna fis-seminar organizzat aktar kmieni din is-sena bejn il-Kamra tal-Avukati u l-Judicial Studies Committee, xi whud mill-ahhar emendi li ghaddew mill-Parlament li pero` fortunatament ghadhom ma gewx fis-sehh, jew kienu mal koncepiti jew sar xi zball x'imkien, tant li bhalissa qed jithejjew l-amendi ghall-emendi!!) u (2) caqliq ta' kawzi minn qorti ghal qorti ohra, normalment minn fuq ghal isfel. Fil-fehma tieghi is-soluzzjoni vera, li pero` tiswa l-flus, hi dik li xi zmien ilu wiehed minnkom, sinjuri avukati, semma f'artikolu li kiteb f'gazzetta lokali, u cioe` dik ta' investiment serju fir-risorsi umani. Huwa inutili li nitkellmu dwar "full complement" tal-Imhallfin u tal-Magistrati meta dan ma jkunx imkejjel bir-riga ta' l-efficjenza – efficjenza mifhuma fis-sens taz-zmien kemm iddum kawza minn meta tigi intavolata sa meta tigi deciza definittivament. Anke ghal min, bhali, ma tantx huwa komdu bil-matematika u bl-istatistika, huwa evidenti li hemm medja ta' kawzi li gudikant jista' jaqta' f'sena – din, s'intendi, tvarja – u proprju ghalhekk hija medja – bejn gudikant u iehor, u bejn qorti u ohra. Mod wiehed jitkellem dwar qorti ta' appell, fejn normalment ma jinstemghux provi, u mod dwar qorti ta' prim istanza; jew qorti li titratta biss kawzi ta' natura limitata u qorti li titratta kawzi taht kull istitut li hemm fil-Kodicijiet Civili u Kummercjali u fil-farragni ta' ligijiet li kontinwament qed jigu promulgati. Meta, imbghad, wiehed ihares lejn dawk il-kawzi li jiena insejhilhom "studjati" – jigifieri mhux kawzi fejn il-konvenut ikun kontumaci jew fejn ikun hemm ammissjoni tat-talba – din il-medja, naturalment terga' tinzel xi ftit. Ghalhekk ma jaghmilx sens li tghabbi gudikant bil-kawzi basta li jkun kapaci jzomm rasu 'l fuq mill-ilma, jigifieri ma jgheriqx, jigifieri jaqta' kawzi daqs kemm dehlin jew ftit aktar milli dehlin: il-gudikant mhux izomm rasu 'l fuq mill-ilma jrid, izda jrid jaqdef biex jaqta' l-kawzi fl-aqsar zmien possibbli bhala servizz ghac-cittadin, u dan ma jistax jaghmlu jekk prattikament ikollu idejh u saqajh marbuta bil-kwantita` ta' kawzi attivi fuq il-lista. Kulhadd jaf bil-problema li kellna, u sa certu punt li ghad ghandna, bis-Sekond Awla. Tnehhi il-periodu qasir is-sena l-ohra meta f'din il-Qorti konna noqghodu jien u l-Imhallef Mallia – u dana minhabba li wara li spicca l-Prim Imhallef Said Pullicino kien hemm caqliq ta' imhallfin minn qorti ghal ohra u jien spiccajt mill-Qorti Kriminali u ma stajtx nibda nisma' kawzi fil-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri ghal raguni ovvja, mentri l-Imhallef Mallia kien ghadu

jibda fil-Prim Awla u kellu numru relattivament zghir ta' kawzi – is-Sekond Awla f'dawn l-ahhar snin dejjem kienet tirrkjedi imhallef full-time. Spicca z-zmien, ta' meta ilhaqt avukat jien, meta ix-xoghol ta' din il-Qorti kien jista' jsir mill-Prim Imhallef jew minn imhallef iehor anzjan tal-Qorti ta' l-Appell billi jaghmel siegha jew massimu saghtejn xoghol fil-gimgha qabel jew wara s-seduta ta' l-appelli. Qabel il-periodu li ghadni kif semmejt (cioe` meta konna jien u l-Imhallef Mallia fis-Sekond Awla) kien hemm Imhallef – l-Imhallef J. D. Camilleri – li kien fil-Qorti ta' l-Appell (u fil-Qorti Kostituzzjonali) u li kien ukoll joqghod fis-Sekond Awla. Zgur li ma nkun qed nizvela ebda sigriet meta nghid li dan l-Imhallef kien fil-fatt assenjat ix-xoghol ta' zewg imhallfin, u billi x-xoghol tas-Sekond Awla kien jirrikjedi attenzjoni immedjata, ix-xoghol fil-Qorti tal-Appell u fil-Qorti Kostituzzjonali bilfors kellu jaqa' lura. Minhabba l-backlog li sibt is-sena l-ohra fil-Qorti tal-Appell deherli li lil dan l-Imhallef kelli nutilizzah b'mod aktar efettiv f'dawn iz-zewg qrati, u fil-fatt tajt il-parir, li gie accettat mill-Ministru, u inqala' mis-Sekond' Awla, u floku dahal l-Imhallef Franco Depasquale li kien fadallu ftit xhur biex jirtira. It-tir tieghi kien li nipprova nikkonvinci lill-Ezekuttiv -- ghax nafu li f'Malta, kuntrarjament ghal dak li jigri f'hafna gurisdizzjonijiet kemm fil-Commonwealth kif ukoll fl-Ewropa, il-hatra ta' gudikant tiddependi esklussivament mill-Ezekuttiv -- biex appena jirtira dan jigi mahtur bhala Agent Imhallef imqar saz-zmien meta tibda tiffunzjona l-Qorti tal-Familja. Mhux biss ma rnexxilix, izda addirittura bl-ahhar emendi li saru fil-Kap. 12, il-figura ta' l-Agent Imhallef sparixxiet (ghalkemm ghadha tidher fil-Kostituzzjoni). Illum ix-xoghol ta' din il-Qorti tqassam bejn erba' imhallfin, bl-Imhallef Azzopardi li accetta li jaghmel l-aktar parti iebsa – is-separazzjonijiet kontenzjuzi – u dan, naturalment a skapitu tax-xoghol tieghu fil-Prim Awla li necessarjament ser imur lura, jew ghall-anqas ma jistax jimxi 'l quddiem daqs kemm jixtieq hu. Jien diga ghamilt il-veduti tieghi cari bizzejjed ma min kelli naghmilhom li meta tibda tiffunzjona l-Qorti tal-Familja, ser ikun hemm bzonn zgur ta' Imhallef <u>iehor</u> addett biss ghal din il-Qorti, u dan semplicement mhux biex inkunu efficjenti izda biss biex inzommu rasna 'l fuq mill-ilma. Ir-realta` hi li l-gudikanti llum -- kemm imhallfin kif ukoll magistrati -- huma overstreched bix-xoghol. Meta jizdied il-"complement" ta' fergha jew ohra tal-gudikatura, dan qed jigri dejjem wara li l-problema tkun ilha hemm is-snin, b'mod li meta ikun hemm zieda din tkun diga, biex inghid hekk, outdated. Xenarju li lili jippreokkupani hu jekk Imhallef jew tnejn jimirdu, anke jekk ghal xi periodu relattivament qasir, b'mod li ma jkunux jistghu jattendu ghad-doveri taghhom ghal numru ta' gimghat jew ghal ftit xhur: ma hemm ebda mod kif is-sistema, bil-

"komplement" kif inhu, tista' tilqa' ghat-tharbit li l-assenza taghhom iggib, ghax ma hemm ebda forma ta' backup permanenti. Napprezza li xi snin ilu kien hemm sentenza li kienet tikkoncerna, fost affarijiet ohra, n-nomina ta' agenti imhallfin; pero` jiena zgur li bi ftit immaginazzjoni legali il-problemi li setghu gew indirizzati f'dik is-sentenza jistghu jigu meghluba. Pero` ma rridx naghti l-impressjoni li problema tal-backlog u tal-efficjenza tista' tigi solvuta biss, jew esklussivament, b'zieda fin-numru ta' gudikanti. Hemm bzonn ta' investiment ukoll f'oqsama ohra tar-risorsi umani. Hekk, per ezempju, il-post ta' "Assistent Gudizzjarju" – li bl-ahhar emendi fil-Kap. 12 inghata poteri u doveri akbar f'dak li huwa l-andament tal-kawzi – sfortunatament mhux dejjem qed jattira avukati zghar bizzejjed minn fost dawk li huma l-aktar kwalifikati, u d-dewmien fil-procedura ghas-sejha ta' mili ta' vakanzi f'dan il-grad qed ikollu r-rizultat li numru sostanzjali fost l-ahjar elementi li jigradwaw mill-Universita` jilhqu jsibu xoghol band'ohra. Sa issa ghadha ma ttehdietx il-mizura mehtiega biex anke l-Magistrati ikollhom Assistenti Gudizzjarji. Jekk, imbghad wiehed jara il-Judiciary Teams tad-diversi gudikanti isib, l-aktar f'dak li jikkoncerna l-Magistrati, il-figura rikorrenti tat-T.B.A. – "to be appointed". Skond l-ahhar informazzjoni li ghandi – u din l-informazzjoni hadtha mill-"organisation chart" tal-Qorti – hemm hdax-il magistrat li anqas ghandhom il-court assistant li suppost ghandhom. Jiena konvint li l-awtorita` koncernata – inthom, Onorevoli Ministri – qed tahdem fuq dawn il-problemi – dan nafu fic-cert mill-laqghat li jkolli regolarment mal-Ministru u mas-Segretarju Parlamentari – u naf ukoll li f'certu sens ghandhom ukoll idejhom marbuta minhabba l-"burokrazija" tac-civil u tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Pero` ghalhekk nghid li hemm bzonn ta' soluzzjonijiet <u>radikali</u>. Hekk ukoll, per ezempju, hemm bzonn li certi sentenzi jibdew ikunu iqsar. Ovvjament mhux qed nghid jew nissuggerixxi li fis-sentenzi m'ghandux ikun hemm il-motivazzjoni – dan hu, salv ghal certi kawzi sommarji quddiem il-Magistrati, essenzjali anke semplicement mill-lat ta' dritt fondamentali ghal smigh xieraq – pero` ma nistax nifhem ghala certi sentenzi, anke sentenzi ta' l-appell, donnhom mhux biss iridu jikkonvincu lill-partijiet b'hafna referenzi ghal awtorita` u gurisprudenza, izda donnhom iridu jikkonvincu lid-dinja kollha -- kwazi sentenzi li jien insejhilhom urbi et orbi. Nifhem li jkun hemm <u>certi</u> sentenzi li jkun jirrikjedu aktar approfondiment ta' xi punt legali jew analizi dettaljata tal-fatti, pero` hemm bzonn li anke ahna l-gudikanti – jew xi whud minnha, ghall-anqas – naghmlu ftit ta' ekonomija bil-hin taghna, mhux fl-interess taghna izda fl-interess ta' minn qed jistenna li tinghata s-sentenza fil-kawza li ghandu. Nissuggerixxi ukoll li ghandha tibda tigi kkunsidrata bis-serjeta` jekk ghandux ikun hemm

xi forma ta' "leave to appeal" minn sentenzi moghtija in prim istanza. Din is-sistema tezisti f'hafna gurisdizzjonijiet, kemm fil-Commonwealth u barra l-Commonwealth, u hi bbazata fuq il-premessa li percentwali konsiderevoli ta' appelli ma jirrikjedux ezami minn qorti shiha ta' appell u jistghu jigu dikjarati mhux meritevoli ta' smigh fl-appell fi stadju inizjali tat-tieni istanza. Ikun forsi opportun li nirrimarka hawnhekk – u mieghi jinghadqu shabi l-Imhallfin fil-Qorti ta' l-Appell – li numru ta' appelli kif ukoll proceduri ta' ritrattazzjoni xi mindaqqiet jigu intavolati semplicement biex itawwlu l-proceduri gudizzjarji inutilment, normalment ghax hekk ikun jaqbel lil xi parti fil-kawza. Nixtieq naghmilha cara li l-Qorti ta' l-Appell mhix ser tittollera appelli frivoli u vessatorji bhal dawn u, fejn opportun, ser tiehu dawk il-mizuri kollha moghtija mill-ligi biex dana l-abbuz jieqaf. Hemm bzonn ukoll li jibda jsir aktar uzu mic-Centru Malti ta' l-Arbitragg. Li kieku dan ic-Centru qed jiffunzjona sew – u naghmilha cara li dan ma hu b'ebda mod tort tal-Bord tal-Gvernaturi ta' dan ic-centru, li, anzi naf, li ghamlu hilithom hollha biex jippromwovu din il-forma ta' alternative dispute resolution – li kieku dan ic-centru qed jiffunzjoni kif mixtieq, tonqos konsiderevolment il-pressjoni fuq il-qrati, specjalment fuq il-Prim Awla. Nikkonfessa li ghadu ma hux car f'mohhi ghala dan ic-Centru ghandu "ma qabadx", biex nuza l-espressjoni Maltija. Li hu cert f'mohhi, pero`, hu li uzu ahjar ta' dan ic-centru ghandu jikkontribwixxi b'mod mhux zghir biex tizdied l-efficjenza fl-amministrazzjoni tal-gustizzja; u ghalhekk dan ic-centru ghandu jinzamm fil-mira meta wiehed jibda jikkonsidra il-mizuri radikali li hemm bzonn f'dan il-qasam.

Nigi ghat-tieni punt li xtaqt nenfasizza f'dan id-diskors: l-indipendenza tal-gudikatura. Dan l-ahhar kelli l-okkazzjoni nattendi kollokwju li sar f'Vilnius, fil-Litwania, fl-okkazzjoni tal-ghaxar anniversarju mit-twaqqif tal-Qorti Kostituzzjonali f'dak il-pajjiz – incidentalment is-sena d-diehla jkun l-erbghin anniversarju mit-twaqqif tal-Qorti Kostituzzjonali taghna – u fost l-interventi li saru kien hemm dik tal-Prim Imhallef ta' Gzira ohra zghir, pajjiz fil-Commonwealth, u li bhalna ghandu jissieheb fl-U.E. s-sena d-diehla – Cipru. F'dikors li ghamel il-Prim Imhallef Georghios Pikis, laqatni paragrafu partikolari, meta dan qal hekk:

"The independence of the judiciary is an axion of justice; it should be such as to reflect the neutrality of the law to which everyone seeking justice, as Aristotle said, should be at liberty to apply. It is this neutrality that judges must personify. It is of the first importance to ensure that the procedure for

selection and appointment of judges, their terms of service and tenure and the institutional framework for the exercise of their juidicial functions, should be such as to assure their independence".

L-indipendenza tal-gudikatura mhux xi privilegg li l-gudikanti jgawdu ghalihom infushom – l-indipendenza tal-gudikatura hi l-garanzija lic-cittadin, specjalment l-izghar fost ic-cittadini, li ser isir il-haqq mieghu specjalment meta d-drittijiet tieghu jkunu ser jintrifsu minn xi wiehed miz-zewg rami l-ohra tal-Gvern – il-Legislatura jew l-Ezekuttiv. Issa ma hemmx dubbju li ahna f'Malta ghandna tradizzjoni antika ta' indipendenza tal-gudikatura, u nazzarda l-opinjoni li forsi din hi marbuta wkoll mal-fatt li anke fi zmien kolonjali – tnehhi lil Rodwell Wright u lil Sir John Stoddart u numru zghir hafna ta' magistrati Inglizi jew skoccizi – l-Imhallfin u l-Primi Imhallfin dejjem kienu Maltin – b'mod li addirittura anke l-Inglizi residenti f'Malta kienu joqghodu ghall-gudizzju ta' Imhallfin Maltin – haga li ma kontx issibha malajr fil-Kolonji Inglizi li ma kellhomx Dominion Status. Pero` jekk wiehed ihares lejn il-ligi isib li huma veru ftit dawk id-disposizzjonijiet li jiggarantixxu dik l-indipendenza. Apparti l-gurament tal-gudikant li nsibu fil-Kap. 12, hemm fil-Kostituzzjoni d-disposizzjoni dwar kif jista' jitnehha gudikant mill-kariga tieghu, id-disposizzjoni (li donnha tapplika ghall-Imhallfin biss u mhux ukoll ghall-Magistrati), li l-kariga ta' imhallef m'ghandhiex, minghajr il-kunsens tieghu tigi abolita waqt li huwa jkun fil-kariga, u d-disposizzjoni li tiggarantixxi s-salarju – pero` mhux l-allowances, li llum jikkostitwixxu parti mhux insinjifikanti mit-take home pay ta' gudikant – tal-gudikant. Fir-realta` il-framework istituzzjonali hu tali li l-Gudikatura hi dipendenti ghal kollox fuq l-Ezekuttiv – minn nomina tal-gudikanti sal-ghodda li bihom irid jahdem il-gudikant. Hafna pajjizi, inkluzi pajjizi fil-Commonwealth, ilhom li hadu l-mizuri mehtiega biex, kemm jista' jkun, il-gudikatura tkun mhux biss kostituzzjonalment jew legalment izda anke istituzzjonalment distakkata kemm jista' jkun mill-Ezekuttiv u specjalment mill-Ministeru tal-Gustizzja. Jidhirli li wasal iz-zmien li nibdew niddiskutu u nahsbu fuq linji simili. Per ezempju, f'diversi gurisdizzjonijiet is-salarji u l-kundizzjonijiet tas-servizz (inkluzi materji relatati mal-pensjoni) tal-membri tal-gudikatura jigu determinati minn kummissjoni jew bord indipendenti mill-Ezekuttiv. Ma rridx nghid wisq fuq pensjonijiet – l-aktar meta dan l-ahhar dwan gew deskritti f'termini mehuda mill-Ordinanza dwar l-Esplozzivi – pero` huwa vitali ghall-vera indipendenza tal-gudikatura – u ghalhekk fl-ahhar mill-ahhar fl-interess tac-cittadin – li jigi mwarrab anke s-semplici suspett li gudikant, hu u joqrob lejn l-eta` pensjonabbli, tista' tigieh

it-tentazzjoni li jhares lura fuq spallejh f'xi kawza partikolari specjalment meta jkun hemm involut l-oragnu Ezekuttiv tal-Gvern. Mill-lat ta' affarijiet ta' kulljum, wiehed ma jistax jinnota, b'dispjacir, li filwaqt li l-htiega ta' ricerka u ta' attendenza f'seminars u konferenzi, u l-htiega li l-gudikatura Maltija tissieheb u tkun attiva f'organizzazzjonijiet bhal gudikaturi ohra, specjalment f'pajjizi tal-U.E., qieghed dejjem jizdied (u sejjer necessarjament jizdied mis-sena d-diehla) il-vot allokat ghal dawn l-affarijiet qieghed jonqos minn sena ghal sena. Biex insemmi biss il-vot ghall-librarija tal-Qorti – dan din is-sena bilkemm kien iservi biex jithallsu s-subscriptions rikorrenti. Dan jista' jkun dovut – bhal hafna affarijiet ohra li jigru f'dan l-edifizzju – ghall-insensittivita` ta' certi nies fl-Amministrazzjoni tal-Qorti ghall-htigijiet tal-Gudikatura biex din tkun tista' taghti servizz efficjenti lic-cittadin; insensittivita` li qed tohloq irritant bla bzonn fil-kuruturi ta' dan il-bini kemm ghall-Gudikatura kif ukoll ghal hafna nies ohra li neccessarjament iridu jaghmlu uzu minn dan il-post. Li hu cert, pero`, hu li dawn l-affarijiet iridu jigu indirizzati b'mod iffokat.

Minkejja dan kollu li ghidt, sinjuri, il-Gudikatura thares il-quddiem b'fiducja anke ghall-isfidi tas-sena d-diehla. Jien insib konfort fil-fatt li, f'din is-sena li ghamilt bhala Prim Imhallef, nista' nghid li kelli il-kooperazzjoni tista' tghid f'kollox ta' shabi kollha – bla eccezzjoni – imhallfin u magistrati. Sibt kooperazzjoni kemm mill-predecessur tieghek, illum Imhallef, u anke minnek sur President tal-Kamra. Kelli l-pjacir nahdem ma' ministru dinamiku u li kellu idejat manigerjali cari hafna – ghalkemm nista' nghid li mhux dejjem qbilt mieghu – u minn wara l-elezzjoni kelli l-pjacir nahdem maghkom, Onorevoli Ministru u Onorevoli Segretarju Parlamentari, u naf bid-dedikazzjoni u l-korrettezza li inthom imxejtu biha kull fejn ghandu x'jaqsam mal-Gudikatura. Naf ukoll li inthom ma tibzghux tiddiskutu u twieznu soluzzjonijiet innovattivi, u naf ukoll li inthom, bhali, tridu li l-affarijiet mhux biss isiru izda isiru sew mill-bidu. (Hawnhekk ippermettuli nigbdlkom l-attenzjoni, sinjuri, ghar-raguni ghala certi emendi fil-Kodici Kriminali li kellhom jidhlu fis-sehh illum gew rimanmdati mill-Ministru ghall-1 ta' Jannar tas-sena d-diehla: dan sar fuq talba tal-gudikatura u bi qbil mal-Kummissarju tal-Pulizija proprju biex jilhaq isir il-fine-tuning li kien mehtieg fl-ingranagg tal-mekkanizmu prattiku ta' kif dawn l-emendi jigu attwati mill-magistrati minn naha u mill-pulizija minn naha l-ohra. Dan il-posponiment qasir, fil-fehma tieghi, juri ghaqal kbir.) Jien konvint li jekk l-atturi kollha fil-qasam tal-amministrazzjoni tal-gustizzja ikollna vizjoni cara ta' x'irridu nilhqu, ahna l-gudikanti nkunu nistghu ntejbu s-servizz li ahna qeghdin hawn biex naghtu, u cioe` li naghmlu l-haqq skond il-gurament li hadna u fi zmien ragjonevoli.

Efficjenza u indipendenza: dawn iz-zewg hsibijiet igibuni ghall-ahhar haga li xtaqt insemmi f'dan id-diskors. Niftakar, Eccellenza, li darba meta kont tghallimna l-Universita` ghidt xi haga li baqghet impressjonata f'mohhi, u cioe` li avukat li f'xi zmien jieqaf jistudja ma jibqax professjonist: jew ikollu jitlaq il-professjoni jew il-professjoni titlaq lilu. Dan joghdd ukoll ghall-gudikanti. Illum f'kull professjoni wiehed isib dak li jissejjah continuing professional education, u proprju fil-bidu ta' din is-sena, wara diskussjonijiet li kelli l-ewwel mal-Imhallef J. D. Camilleri u wara ma' xi Imhallfin ohra, iddecidejna li nwaqqfu il-Judicial Studies Committee li semmejt aktar qabel. Sibna l-ko-operazzjoni u l-appogg kemm tal-Ministru Gatt, kif ukoll tieghek Onorevoli Ministru, u sibna wkoll l-appogg, kwazi nazzarda nghid l-entuzjazmu, tal-Kummissarju Gholi Inghliz ghal Malta, ghal din l-inizjattiva. In fatti il-Kummissarju Gholi Ingliz u l-Imhallef Camilleri kienu strumentali biex f'Lulju gie Malta id-Director of Studies tal-Judicial Studies Board ta' l-Ingilterra u Wales (fl-Iskozja ghandhom bord separat) li hejja rapport bil-ghan li il-Judicial Studies Committee taghna tibda fuq pedamenti sodi. Ghalkemm din is-sena diga kellna xi attivitajiet organizzati minn dan il-kumitat edukattiv – zewg seminars, wiehed minnhom flimkien mal-Kamra ta' l-Avukati – ix-xoghol ta' dan il-kumitat ser jigi inawgurat formalment fis-17 ta' dan ix-xahar. L-ideja hi li permezz ta' dan il-Kumitat inkunu nistghu intejbu s-servizz li naghtu filwaqt li nizguraw l-indipendenza taghna billi nkunu ahna stess li norganizzaw l-attivitajiet bil-ghan li jigi promoss it-titjib fis-servizz. Niehu l-okkazzjoni biex pubblikament nirrigrazzja lilek, Onorevoli Ministru, tal-appogg li tajtna f'din l-inizjattiva; nirringrazzja wkoll lill-Kummissarju Gholi Ingliz is-sur Vincent Fean; u nirringrazzja wholl lill-Imhallef J. D. Camilleri li jiena, skond l-Istatut tal-Kumitat, htart bhala Chairman, tax-xoghol li ghamel u li ghadu jaghmel biex din l-inizjattiva tkun fatt. Sur President tal-Kamra, Sinjuri Avukati u Prokuraturi Legali ma baqali xejn x'nghidilkom hlief li lilkom nawguralkom aktar xoghol extra-gudizzjarju ghas-sena d-diehla, u lil shabi l-gudkanti nawguralhom is-serenita` u d-dehen fix-xoghol gudizzjarju, u niddifferixxi s-seduta ghal nhar it-Tnjen, 6 ta' Ottubru, fid-9.00 am.

**Ufficcju tal-Prim Imhallef**
**1 ta' Ottubru 2003**